KUNSILL LOKALI L-IKLIN
L-IKLIN LOCAL COUNCIL

11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
(0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
https://iklinlc.gov.mt

MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL

L-GĦAXAR KUNSILL

SEDUTA NRU. 29 – IL-ĦAMIS 3 TA' SETTEMBRU 2026

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m.

PREŻENTI:	Dr Dorian Sciberras	Sindku
	Sa Yvonne Bartolo	Viċi-Sindku
	Sa Mary Grace Gusman	Kunsillier
	Sur Mario Fenech	Kunsillier
	Sur Matthew Fenech	Kunsillier
	Sur Etienne Montfort	Segretarju Eżekuttiv

29.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI (SKONT L-ORDNI PERMANENTI 14A (3)

29.1.1 Ma kienx hemm.

29.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

29.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (29) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Bartolo issekondat.

29.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

29.3 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

29.3.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Awtorità ta' Malta dwar it-Trasport għaddiet kopja tal-pjanti dwar titjib propost fl-immaniġġjar tat-traffiku fi Triq Mosta Road. Is-Sindku ippreżenta l-pjanti għall-interess tal-membri tal-Kunsill bħala parti minn proċess ta' konsultazzjoni.

29.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv li kien attenda għal-laqgħa li ssejħet ġewwa l-Uffiċċju tal-Awtorità ta *briefing* dwar x'ġie propost u diskuss waqt din il-laqgħa li għaliha kienu qed jattendi wkoll is-Sindku ta' Ħal Lija flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv.

Is-SE spjega li l-Kunsill ta' Ħal Lija wera t-tħassib tiegħu dwar l-immaniġġjar tat-traffiku propost u ta r-raġunijiet tiegħu dwar dan. Is-Sindku ta' Ħal Lija saħaq ukoll dwar l-aċċess sigur għaċ-Ċimiterju ta' Ħal Lija fejn hemm bżonn issir modifikazzjoni fil-bankina biex il-vettura tal-mejtin ikollha spazju adegwat għall-parkeġġ, u spazju biex jinħareġ it-tebut mill-*hearse* b'mod sigur u b'rispett matul l-aħħar vjaġġ filwaqt li l-immaniġġjar tat-traffiku l-ġdid jipprovdi wkoll għall-aċċess sigur tal-pubbliku li jżur iċ-Ċimiterju.

Fil-pjanti li ġew ippreżentati waqt il-laqgħa, jidher ukoll li qed jiġi propost li l-*flow* tat-traffiku li preżentement idur maċ-Ċimiterju biex jaċċessa fid-direzzjoni għat-Telgħa tal-Għaqba jew aħjar Triq il-Kbira li twasslek għall-Kulleġġi, din ser tispiċċa u l-flow irid jibqa tiela sa fejn hemm Auto Sales Ltd Triq il-Mosta u jdur ma 'round-about u 'l isfel fi Triq il-Mosta għal Triq il-Kbira fid-direzzjoni għan-Naxxar.

Fost proposti oħra ta' titjib fl-immaniġġjar tat-traffiku, il-pjanti juru l-implimentazzjoni ta' zebra crossing fi Triq San Mikiel biex jassiguraw is-saħħa u s-sigurtà tal-*pedestrian* u *zebra crossing* oħra fi Triq il-Kbira u titjib ieħor fl-immaniġġjar tat-traffiku li jinkludi *proposed pedestrian passageway (non-slip surface)*.

Fi Triq il-Mosta, aktar 'il fuq, qed jiġu proposti żewġ *crossings*. Belisha crossing fi Triq A. Portelli u crossing kkontrollata mid-dwal tat-traffiku fi Triq il-Mosta. Dawn se jiżguraw bankina (footpath) mal-ġenb tat-triq li jmur lejn il-Lvant biex jiġi żgurat bankina sigura għan-nies li jkunu mexjin. Fid-daħliet, il-bankina se tiġi mmarkata b'żebgħa ħadra fuq l-asfalt biex tindika l-prijorità tal-*pedestrian*.

Għalkemm din il-parti ma taffettwax direttament il-lokalità tal-lklin, ladarba tifforma parti minn dan l-immaniġġjar tat-traffiku propost, qed tiġi wkoll indikata f'dan il-briefing.

29.3.3 Imbagħad is-Sindku Dott Sciberras fetaħ dan is-suġġett għad-diskussjoni.

29.3.4 Wara diskussjoni wiesgħa dwar l-immaniġġjar tat-traffiku kif propost minn TM mill-Kunsillieri preżenti, kien deċiż li s-SE jitkellem mall-Kunsill Ħal Lija biex jara l-pożizzjoni tal-Kunsill u terġa titla għad-diskussjoni.

Dan għall-fatt li s-Sindku Dott Sciberras u l-Kunsillieri urew ukoll tħassib dwar ċertu miżuri li *a prima facie* mhux qed jaqblu magħhom. Sintendi il-Kunsill mhux qed imur kontra l-istandards tat-traffiku iżda jemmen li hemm lok għal diskussjoni aktar wiesgħa biex il-miżuri ta' mitigazzjoni jilħqu l-aspettativi tar-residenti taż-żewġ lokalitajiet.

29.3.5 Is-Sindku Dott Sciberras ħareġ b'ideja biex il-Kunsill jikkunsidra l-possibiltà jekk dejjem jippermettu l-fondi, sabiex il-Kunsill ikollu kuntrattur li joffri servizzi tal-indafa biex jibda jsir ħasil fit-toroq residenzjali meta tinqala ħtieġa bħal ma ġara f'dawn l-aħħar ġimgħat fejn kuntrattur privat kien qed jaħdem fuq proġett infrastrutturali u minħabba xogħlijiet ta' trinek, ġara li biex ħasel Triq Karmenu Vassallo, spiċċajna b'diffikultà oħra fejn iż-żrar u trabijiet nieżlu fit-toroq immedjati bil-konsegwenza li nħolqot problema fuq toroq oħra b'inkonvenjent għar-residenti. Il-Kunsill kellu jassorbi l-ispejjeż għas-servizz ta' (3) water transport u l-ħddiema assenjati mall-Kunsill biex sar il-knis kif suppost tal-imsemmija toroq.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Kunsill għandu MoU iffirmat mal-Cleansing Services Department u dan it-tip ta' servizz huwa nkluż f'dan il-ftehim.

Rigward il-każ tal-proġett fi Triq Karmenu Vassallo, l-Aġenzija IM kienet u għadha responsabbli mill-proġett inkluż l-indafa fit-triq fejn qed isir il-proġett u t-toroq immedjati. L-iżball li sar kien li l-kuntrattur bagħat bowser ilma biex iraqqad it-trabijiet, iżda l-problema tefagħha fuq it-toroq immedjati. Is-sens komun jgħidlek biex l-ewwel jinkines u jinġabar il-materjal iġġenerat mix-xogħlijiet u mbagħad isir il-ħasil.

Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonkluda li b'dawn il-proġetti, l-Uffiċċju Amministrattiv qed jitlef ħafna ħin biex jindirizza l-ilmenti tar-residenti li jinqalgħu waqt il-proġett.

29.3.6 Is-Sindku Dott Sciberras informa li l-Kunsill kien ġie avviċinat minn sid tan-negozju fl-Iklin li kien interessat jiddiskuti proġett ta' titjib fi roundabout ta' Triq San Mikiel km Triq Ġeronimo Abos fejn qed jissuġġerixxi li jsir titjib u tisbiħ ta' soft landscaping li hemm fl-imsemmija roundabout. Is-Sindku kompla billi qal li huwa żmien opportun li l-Kunsill jħejji pjan dwar proġett li jkun landmark fl-Iklin. Issuġġerixxa li din id-darba l-Kunsill għandu jiftaħ sejħa għall-interess li tmur għal Design Contest Procurement Process.

Is-Sindku spjega li Design Contest Procurement Process għandu jinħareġ permezz ta' sejħa pubblika permezz ta' reklamar fl-istampa lokali u fil-Gazzetta. Huwa żied jgħid li l-Kunsill jipproponi suġġett li jixraq għal din iż-żona u ħaseb li tkun ħaġa sabiħa li jsir monument marbut max-xbieha ta' San Mikiel. Imbagħad sta għall-artisti li joħorġu bil-kreattività u l-artistrija tagħhom biex jippreżentaw xi ħaġa sabiħa adatta għal din iż-żona.

Is-Sindku ikkonkluda li se jkun qed isejjaħ laqgħa ma' sid dan in-negozju biex naraw eżatt sa fejn jista jasal u wara li jerġa jirrelata lura lill-Kunsill, ikun jista jressaq mozzjoni għal dan il-proġett.

29.4 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

29.4.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn il-31 ta' Lulju u l-31 ta' Awwissu 2026 kif jidher fid-dokumenti A u B.

COMPLAINTS SHEET (31 July - 31 August 2026)

Ref.	Date	Description	Status	Address	Organisation
193	03/08/2026	Hemm bozza mitfija nru. W013/28 fi Triq Giovanni Curmi	settled	Triq G Curmi	**LC contractor**
194	03/08/2026	Dawl tat-toroq fi Triq iċ-Ċitru u Triq il-Mużika mitfi	settled	Triq iċ-Ċitru u Muzika	**Enemalta**

195	31/07/2026	Dan ir-resident qed jilmenta li l-linji taż-żebgħa safra quddiem garages ma reġgħux saru meta ġiet asfaltata mill-ġdid Triq il-Klin	pending	Triq il-Klin	**IM Agency**
196	05/08/2026	Din ir-residenta qed tilmenta li l-flyers li jibgħat il-Kunsill qed iħalluhom fit-taraġ u mhux impustati fil-letter box	closed	Triq K Vassallo	**Local Council**
197	08/06/2026	Talba biex issir spezzjoni ta' road markings fejn residenza nru. 43 Triq Ċ Bugeja	settled	Triq Ċ Bugeja	**Local Council**
198	08/05/2026	Arbuxelli ħerġin fuq il-bankina fi Triq Dun Karm	settled	Triq Dun Karm	**Local Council**
199	08/05/2026	Veġitazzjoni fil-parti ta' wara l-Banka tal-Lottu fi Triq Dun Karm c/w Pjazza n Cremona	pending	Pjazza N Cremona	**Council / WSC**
200	08/03/2026	Talba biex isiru l-parkings bays fi Triq L-Awrekarja	pending	Triq L-Awrekarja	**Local Council**
201	08/03/2026	Ilment dwar ħamiem tal-ġarr nru. 137 Triq il- Wied	closed	Triq il-Wied	**Local Council**
202	08/07/2026	Ilment fuq il-bins tal-ħwejjeġ għaliex qed jitfgħu mad-dawra tar-reċipjent	pending	Pjazza N Cremona	**Local Council**
203	11/08/2026	Street lighting mitfi f'parti minn Triq Ġeronimo Abos	settled	Triq Ġ Abos	**Enemalta**
204	11/08/2026	Difetti fl-asfalt tat-triq fi Triq Dun Karm	closed	Triq Dun Karm	**Local Council**
205	12/08/2026	Dan ir-resident qed jissuġġerixxi li ssir MC Bay faċċata ta' stabbiliment tan-negozju man-naħa tal-għalqa fi Triq Ġ Galea minflok id-double yellow lines.	pending	Triq Ġ Galea	**Council**
206	17/08/2026	Hemm ħafna tajn fi Triq GE Mercer	settled	Triq ĠE Mercer	**IM Agency**
207	17/08/2026	Hemm caravan, u inġenji oħra li qed jiġu pparkjati fl-area ta' Triq GE Mercer/Pjazza N Cremona	pending	Triq Ġ Mercer/Pjazza N Cremona	**Police Force**
208	17/08/2026	Ilment dwar barranin jorqdu fuq bankijiet fi Pjazza Ninu Cremona	pending	Pjazza N Cremona	**Police Force**
209	17/08/2026	Skart tal-kostruzzjoni fuq bankina nru 43 Triq G Calleja	pending	Triq Ġ Calleja	**Contractor**
210	17/08/2026	Ilma ħiereġ minn residenza nru 27 Mile Oak Triq G Abos	pending	Triq Ġ Abos	**WSC**
211	17/08/2026	Hemm service box tal-GO miksura fuq bankina fi Triq G Abos u qegħda ta' periklu	pending	Triq Ġ Abos	**GO p.l.c.**
212	12/08/2026	Hemm ħafna tajn fi Triq GE Mercer	settled	Triq GE Mercer	**IM Agency**
213	12/08/2026	Taraġ ħdejn sub station irid jitnaddaf mit-terrapien Triq G E Mercer	pending	Triq GE Mercer	**IM Agency**

214	18/08/2026	Talba biex sleeping policeman li hemm fi Triq il-Klin c/w Triq S Erardi ssir doppja	closed	Triq il-Klin	**Local Council**
215	17/08/2026	Ilmenti fuq Triq G Curmi dwar l-asfalt u kaptelli miksurin	pending	Triq Ġ Curmi	**Enemalta plc**
216	20/08/2026	Fi Triq in-Naxxar hemm parti bil-konkos u qed tinqala. Talba biex issir bl-asfalt	pending	Triq in-Naxxar	**IM Agency**
217	22/08/2026	Talba biex titneħħa parking bay minn Triq Dwardu Cachia għax mhux qed ikun jista joħroġ bid-dgħajsa minħabba li jkun hemm vettura pparkjata	closed	Triq Dwardu Cachia	**Local Council**
218	28/08/2026	Bozza maqtugha W028/28 mall-ħajt ftit 'il fuq mis-Sala tal-Kunsill	pending	Triq il-Klin	**LC contractor**
219	28/08/2026	Ilment fuq veġitazzjoni fejn J B Scicluna	settled	Wesgħa JB Scicluna	**LC contractor**
220	25/08/2026	Ilment dwar il-knis fejn 35 Triq Ċ Bugeja	settled	Triq Ċ Bugeja	**LC contractor**
221	25/08/2026	Ilment dwar il-knis li qed isir fuq naħa waħda fi Triq il-Ħarruba	pending	Triq il-Ħarruba	**LC contractor**
222	29/08/2026	Talba għal tabelli biex ma jħallux boroż taħt tabelli fi Triq Namur c/w Triq il-Plejju	pending	Triq in-Namur	**Local Council**
223	29/08/2026	Talba biex isiru xi tabelli biex ma jħammġux bil-klieb fi Triq Namur	pending	Triq in-Namur	**Local Council**
224	29/08/2026	Resident qed jirraporta li residenza qed titfa kwantità kbira t'ilma kuljum li qed jirċievi ingress ta' ilma fil-basement tiegħu fi Triq AM Galea	closed	Triq AM Galea	**Community Police**

29.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

29.5.1 Il-Kunsillier Mario Fenech staqsa jekk il-Kunsill għandux il-mezzi biex jagħti struzzjonijiet lill-Kuntrattur appuntat mill-Aġenzija IM dwar negliġenza b'inkonvenjent għal terzi.

Is-Sindku Dott Sciberras wieġeb li l-Kunsill qiegħed f'kuntatt dirett mall-Perit tal-Aġenzija IM u wkoll mall-Perit tal-kuntrattur in kwistjoni. Kompla billi qal li hemm koordinazzjoni tajba fuq dan il-proġett ta' Triq Karmenu Vassallo però għad hemm nuqqasijiet li qed jiġu kontinwament injorati da parte tal-kuntrattur. Is-Sindku jifhem li l-kuntrattur mhux qiegħed inaddaf warajh u qed joħloq inkonvenjent kbir lir-residenti fit-toroq immedjati fosthom Triq Anton Buttigieg, Pjazza Ninu Cremona u Triq Ġużè Ellul Mercer.

Minkejja li l-Kunsill wassal l-ilmenti tar-residenti lill-Perit tal-Aġenzija, xorta waħda l-Kunsill ġie injorat u fiċ-ċirkostanzi, il-Kunsill kellu jipprovdi s-servizz ta' tliet bowsers biex isir il-knis u l-ħasil tal-imsemmija toroq. Din l-ispiża saret a spejjeż tal-Kunsill biex innaqqsu l-imsemmi inkonvenjent.

Il-Kunsillier Mario Fenech irringrazzja lill-amministrazzjoni tal-Kunsill għall-impenn u d-dedikazzjoni tagħhom biex ingħalaq dan l-ilment.

29.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

29.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

29.6.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras imbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo.

Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras, l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Mario Fenech, Matthew Fenech u Mary Grace Gusman.

(Doc. D anness)

29.6.3 Il-Kunsill awtorizza x-xiri ta' oġġetti/servizz kif jidher hawn taħt:

1. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur Stella Farrugia għal servizz ta' Risk Assessment icw European Week of Sport 2026 organizzata mill-Kunsill Lokali L-Iklin għall-prezz ta' Eur413 VAT inkluż; nem con
2. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur Lija Iklin Football Academy għal attività sportiva icw European Week of Sport għall-prezz ta' Eur2k VAT inkluż; nem con
3. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur MOVE Malta għall-kiri ta' żewġ pitches icw European Week of Sport għall-prezz ta' Eur1,829.00 VAT inkluż; nem con
4. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur Venscic Ltd għall-kiri ta' (3) mobile toilets icw European Week of Sport għall-prezz ta' Eur166.33 VAT inkluż;

5. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur Mediforce għal servizz ta' Ambulanza u (2) First Responders għall-prezz ta' Eur177.00 VAT inkluż;
6. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur Portelli Gardening & Agriculture għall-xiri ta' pompa tal-ilma għal soft landscaping ta' Triq l-Awrikarja għall-prezz ta' Eur190.46 VAT inkluż;
7. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur Robbie Camilleri għal servizz ta' transport icw Clean Up World Campaign Day għall-prezz ta' Eur86.60 VAT inkluż;
8. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur Charlie Mifsud għal servizz ta' qtugħ ta' veġitazzjoni u skart ieħor miż-żona rurali għall-prezz ta' Eur1,767.64 VAT inkluż;
9. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur Printex Ltd għax-xiri ta' Diaries A5 3-day per pg 2027 għall-prezz ta' Eur132.75 VAT inkluż;

29.7 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

29.7.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

29.7.2 Applikazzjoni PA/ 05896/26 – 92, Triq Ċensu Busuttil L-Iklin 'Proposed demolition of the existing first-floor residential maisonette and construction of four residential apartment at first, second, third, and fourth floor levels, including installation of passenger lift and construction of roof-level pool.

29.7.3 Applikazzjoni PA/05734/26 - Proposed redevelopment of the site previously approved under application PA/04652/15. J.B. House, Triq il-Klin c/w Triq Lewis F. Mizzi and, Triq Stefano Erardi, Iklin

New proposal includes two floors of commercial Class 4B space, above three excavated basement levels comprising one level of customer parking serving the commercial units and two levels of private parking spaces and garages for residents. The development further incorporates two four-storey residential apartment blocks positioned above the commercial floors, together with an additional five-storey apartment block connected to the main development via the basement levels.

29.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-QFR JAN – ĠUN 2026

29.8.1 Is-Sindku Dott. Sciberras stieden lill-Accountant tal-Kunsill biex Jippreżenta l-Accounts tal-Kunsill għall-perjodu ta' bejn Jannar u Ġunju 2026.

29.8.2 L-Accountant informa lill-preżenti li d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali kien bidel it-template u ovvjament il-Kunsill kellu jaderixxi mat-template provduta mill-istess Diviżjoni. Żied jgħid li matul din is-sena, il-Kunsilli qed jaġġornaw Chart of Accounts skont direzzjoni mid-DLG u l-Kunsill għaddej b'dan il-proċess. L-ideja hija wkoll sabiex l-Accounts tal-Kunsilli jkunu konformi u bl-ideja li l-Accounts ikunu cloud-based.

29.8.3 Matul dan il-perjodu, id-dħul kien ta' Eur216,711.00. Il-ħruġ kien ta' Eur194,729.00. Id-deprezzament fuq Property, Plant & Equipment ammonta għal Eur10,964.00. L-allokazzjoni finanzjarja tal-Gvern kienet tlaħħaq Eur163,325.00. Dħul mill-permessi kien ta' Eur13,173.00. Dħul mis-sistema tal-infurzar LES ammonta għal Eur865.00. Dħul mill-attivitajiet komunitarji iġġenerati mill-Kunsill ammonta għal Eur13,660.00. Is-salarji ammontaw għal EurEur63,746.00. Operations & Maintenance ammonta għal Eur60,608.00. Matul dan il-perjodu, l-Administration Costs laħħaq l-ammont ta' Eur70,375.00. Il-financial performance għall-perjodu ta' bejn Jannar u Ġunju irriżulta f'surplus ta' Eur11,018.00.

29.8.4 Imbagħad is-Sindku Dott Sciberras staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet. Ma kienx hemm.

29.8.5 Imbagħad is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Bartolo għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-QFR Jan – Ġun 2026.

29.8.6 Il-Kunsill approva r-rapport finanzjarju unanimament.

(Ara dok. E)

29.9 FINANZJAMENT – ATTIVITAJIET KULTURALI ANNWALI 2027

29.9.1 Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras informa li l-Kunsill kien irċieva komunikat mingħand id-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy – Ċirkolari nru. SPI/SCI/07/2026 Finanzjament – Attivitajiet Kulturali Annwali 2027.

Bħal ma sar f'dawn l-aħħar snin, il-Kunsill Lokali L-Iklin dejjem applika taħt din l-iskema sabiex tittella l-edizzjoni Festa Fjuri. Is-Sindku informa din l-iskema se tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża tal-attività sa massimu ta' Eue20k (VAT inkluż). Min-naħa tal-Kunsill, se jkun obbligat li mas-somma mogħtija lilu jagħti l-kontribut tiegħu ta' 15%.

29.9.2 Imbagħad is-Sindku Dott Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Mary Grace Gusman sabiex japprovaw il-finanzjament għal din l-attività.

29.9.3 Il-Kunsill approva *nem con*.

29.9.4 Imbagħad is-Sindku Dott Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Mary Grace Gusman biex japprovaw l-ispiża li se jiffinanzja l-Kunsill.

29.9.5 Il-Kunsill approva *nem con*.

29.9.6 Wara diskussjoni dwar id-data tal-attività kulturali annwali Festa Fjuri 2026, il-Kunsill stabbilixxa d-data tas-Sibt 15 ta' Mejju.

29.9.7 Il-Kunsill Lokali se jkun qed jinnotifika lill-Kunsill Reġjonali Lvant dwar id-data tal-attività.

29.10 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT AMMINISTRATTIV 2025

29.10.1 Is-Sindku Dott Sciberras informa lill-preżenti li r-Rapport Amministrattiv kien mibgħut minn qabel lill-Kunsillieri u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

29.10.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Bartolo issekondat.

29.10.3 Ir-Rapport Amministrattiv ġie iffirmat mis-Sindku Dott Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

29.11 APPROVAZZJONI BIEX APPARAT/OĠĠETTI TAL-KUNSILL JITWARRBU GĦALL-ISKART

29.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq lista ta' apparat/oġġetti proprjetà tal-Kunsill peress li m'għadhomx tajbin u jew jiffunzjonaw sabiex jikseb l-approvazzjoni tal-Kunsill biex dawn l-oġġetti jitwarrbu għall-iskart.

29.11.2 Is-Sindku Dott Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Matthew Fenech biex dan l-apparat/oġġetti jkunu jistgħu jitneħħew mill-inventarju u jitwarrbu għall-iskart.

29.11.3 Il-Kunsill approva unanimament.

29.12 AĠĠORNAMENT DWAR EUROPEAN WEEK OF SPORT 19/09/2026

29.12.1 Is-Sindku Dott Sciberras informa li kien kollox ippreparat għal din l-attività in konnessjoni mal-European Week of Sport. Is-Sindku fakkar li din hija inizjattiva ddedikata biex tinkoraġġixxi lill-persuni ta' kull età biex ikunu attivi u ngħixu ħajja sana. Għal sena oħra, 'il-Ġimgħa Ewropeja għall-Isport' għandha sservi biex tgħaqqad lill-komunità, l-għaqdiet tal-lokal u individwi taħt il-kappa tal-Kunsill permezz ta' programm ta' attivitajiet immirati sabiex nippromwovu l-attività fiżika, il-benesseri u l-importanza ta' stil ta' ħajja sana.

Imbagħad is-Sindku talab lill-Kunsillier Matthew Fenech biex jagħti rendikont tax-xogħol li ħejja marbut mal-European Week of Sport peress li l-attivitajiet sportivi jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu.

29.12.2 Il-Kunsillier Mario Fenech informa lill-preżenti li kien lesta l-artworks bħala mezz ta' pubbliċità għal fuq il-ta' fb tal-Kunsill filwaqt li ħa l-inkarigu sabiex jieħu ħsieb ukoll il-Whatsapp channel tal-Kunsill biex nilħqu aktar ċittadini għal din l-attività.

29.12.3 Is-Sindku Dott Sciberras faħħar l-impenn u x-xogħol tal-Kunsillier Fenech u jittama li l-Kunsill ikollu rispons tajjeb għal din l-attività.

29.12.4 Is-Sindku Dott Sciberras irringrazzja pubblimanent lill-Kunsillier Gusman għall-isponsor li rnexxielha tottjeni għal European Week of Sport.

29.12.5 Fl-aħħarnett, is-Segretarju Eżekuttiv informa li t-tnedija uffiċċjali għall-Ġimgħa Ewropeja tal-Isport ġiet skedata għal nhar l-14 ta' Settembru ġewwa s-Sala Teddy Borg fil-Cottonera Sports Complex.

29.12.6 Is-Segretarju Eżekuttiv se jkun qed jattendi għat-tnedija uffiċċjali għan-nom tal-Kunsill Lokali L-Iklin.

29.13 AĠĠORNAMENT DWAR WORLD CLEANUP DAY 26/09/2026

29.13.1 Is-Sindku Dott Sciberras informa lill-preżenti biex inħajru r-residenti tal-komunità sabiex jipparteċipaw f'din l-inizjattiva ambjentali għaliex b'hekk tista tissaħħaħ l-identità tal-lokal. Ir-resident għandu jkun fil-qalba tal-attivitajiet tal-Kunsill. Tqassam avviż f'kull bieb fil-lokalità dwar il-CleanUp 2026 u nittamaw li naraw l-interess fost ir-residenti tal-komunità.

29.13.2 Is-Sindku semma l-parteċipazzjoni tal-għaqdiet tal-lokal li bħas-snin preċedenti se jkunu magħna waqt din l-attività.

29.13.3 Imbagħad is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Matthew Fench biex jawtorizza x-xiri ta' oġġetti/servizzi in konnessjoni mal-attività.

29.13.4 Il-Kunsill awtorizza l-ispejjeż *nem con*.

29.13.5 Din l-inizjattiva ambjentali qed tiġi koordinata mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

29.14 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

29.14.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar il-Ħamis 1 ta' Ottubru 2026 fil-5.30 pm.

29.14.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar il-Ħamis 1 ta' Ottubru 2026 fil-5.30 pm.

29.14.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-7.00 p.m.

Dott Dorian Sciberras
Sindku

Etienne Montfort
Segretarju Eżekuttiv